MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Numru. 135/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Neil Camilleri**

**(ID 324985(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Neil Camilleri, iben George u Isabella nee` Falzon, imwieled il-Pieta` nhar is-17 ta’ Gunju 1985, residenti No. 64, Triq Wenzu Gafa`, Qormi;

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fl-1 ta’ Jannar 2008 u fix-xhur ta’ qabel din id-data:

a) Traffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, jbiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

b) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

c) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenza mill-President ta’ Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-drogi u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif

sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) Kif ukoll talli kiser kundizzjoni moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar id-19 ta' Ottubru 2006 mill-Magistrat Dr. A. Vella LL.D.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-ordni tal-istess Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-12 ta' April 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-2 ta’ April 2012, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet (b) u (d) migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruhha ghall-provi mressqa u semghet trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet (b) u (d) migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’ dawn l-istess imputazzjonijiet.

L-imputazzjonijiet (a) u (c), imbaghad, jikkontemplaw ir-reati ta’ traffikar tal-pilloli *ecstasy* u tad-droga kokaina.

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Fil-lejl ta’ bejn il-31 ta’ Dicembru 2007 u l-1 ta’ Jannar 2008, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga, ezegwew mandat ta’ arrest fil-konfront tal-imputat u waqqfuh gewwa l-*Lines*

*Bar* f'Paceville. Minn tfittxija li ghamlu fuq il-persuna tieghu, il-pulizija prezenti sabu tnax-il pillola suspettati *ecstasy* u borza bi trab abjad, suspettat kokaina.[1]

L-imputat irrilaxxja stqarrija nhar l-1 ta' Jannar 2008 u dan wara li gie mwissi li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jaghmel dan, imma dak li jghid jista' jingieb bhala prova. L-imputat ghazel li jiffirma din l-istqarrija.[2]

Illi l-ewwel kwistjoni li dwarha ser tiddeciedi din il-Qorti tirrigwarda l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rrilaxxjata mill-imputat.

Fis-seduta tat-2 ta' April 2012, id-difiza talbet illi l-istqarrija tal-imputat tigi skartata u dan skond l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi **Il-Pulizija vs Alvin Privitera** deciza fil-11 ta' April 2011, **Il-Pulizija vs Esron Pullicino** u **Il-Pulizija vs Mark Lombardi**, it-tnejn decizi fit-12 ta' April 2011.

Illi m'huwiex kontestat illi fil-jum li fiha ttiehdet l-istqarrija tal-imputat, ossia fl-1 ta' Jannar 2008, il-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-pulizija. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

Irid jinghad illi wara li nghataw is-sentenzi msemmija mid-difiza fil-verbal tat-2 ta' April 2012, inghataw diversi sentenzi ohrajn dwar dan il-punt, kemm mill-Qorti Kostituzzjonali stess, kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Apparti s-sentenzi msemmija mid-difiza, din il-Qorti rreferiet ghal diversi minn dawn is-sentenzi li trattaw l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija fin-nuqqas ta' assistenza legali qabel l-interrogatorju *inter alia* is-segwenti: **Charles Steven**

[1] Ara xhieda ta' PC 10 Trevor Cassar Mallia (a fol. 26 *et seq* tal-process); xhieda ta' PC 1183 Oliver Borg (a fol. 33 *et seq* tal-process).
[2] L-istqarrija tal-imputat tinsab esebita a fol. 30 *et seq* tal-process.

**Muscat vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Ottubru 2012, **Il-Pulizija vs Amanda Agius** u **Il-Pulizija vs Tyrone Fenech**, decizi mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' April 2013, **Anthony Taliana vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Frar 2015, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Antonio Abdilla et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Mejju 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Saliba**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Mejju 2013, **Il-Pulizija vs Jesmond Camilleri**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' April 2013, **Il-Pulizija vs Alexei Zerafa**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 2013, **Il-Pulizija vs Paul Cutajar** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Gunju 2013, **Il-Pulizija vs Deborah Osmond**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013, **Il-Pulizija vs Robert Busuttil**, deciza mill-istess Qorti fl-20 ta' Frar 2014 u **Il-Pulizija vs Natassja Gouder** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** deciza fit-8 ta' Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet li l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista' jinghad li kien hemm ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq. F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali qalet illi "*Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u hekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur.*"

In oltre, fis-sentenza fl-ismijiet **John Attard vs Onorevoli Prim Ministru et** deciza fil-31 ta' Mejju 2013, il-Qorti Kostituzzjoni regghet irriteniet illi:

*"Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat. Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f'pożizzjoni ta' vulnerabilita`, djgħufija jew biża' illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta' avukat kellha influwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita' ħati ma jkunx."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Deborah Osmond**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013, inghad hekk fir-rigward tal-istqarrija rilaxxjata mill-appellata f'dawk il-proceduri:

*"Irrizulta mill-provi illi l-prosekuzzjoni resqet bhala addebitu kontra l-appellata l-istqarrija biss peress li ma hemm l-ebda xhieda ohra ma xhiex setghet tikkorrobora din l-istess stqarrija. Irrizulta illi l-appellata kienet tfajla ta' 18 il-sena b'fedina penali nadifa li sabet ruhha arrestata mill-pulizija in konnessjoni ma' reat illi gie kommess minn haddiehor u kien biss waqt l-intervista taghha mal-pulizija illi ammettiet illi hadet id-droga ecstasy xi sena qabel l-intervista. Veru illi fl-istqarrija hemm imnizzel illi l-appellata giet moghtija l-caution, imma kemm kienet effettiva din it-twissija jew kemm fehmitha stante l-eta' tenera taghha f'dawk ic-cirkostanzi din il-Qorti ferm tiddubita. Ghalhekk irrizulta illi l-unika prova illi resqet il-prosekuzzjoni kontra l-appellata hija l-istqarrija u darba din ma tinsabx korroborata minn xhieda ohra jkun perikoluz illi l-Qorti ssib htija fuq din il-prova biss. Terga' din il-Qorti jidhrilha illi bhala tfajla ta' l-eta' ta' 18 il-sena, ghad illi din hija eta' maggioritarja, l-appellata kellha titqies bhala persuna vulnerabbli illi facilment kienet impressjonata bil-prezenza tal-pulizija u l-fatt illi kienet qed tigi nterrogata minnhom. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi fuq l-iskorta ta' dawn id-decizjonijiet ricenti l-Ewwel Qorti ghamlet sew li skartat l-istqarrija u peress li ma kienx hemm provi ohra waslet ghal liberatorja ta' l-appellata. Din il-Qorti jidhrilha illi l-Ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha waslet ghal konkluzjoni gusta u din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba din il-konkluzjoni."*

U fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Gunju 2013, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Paul Cutajar</u>**, inghad hekk:

*"Dwar dan l-ahhar ilment li l-istqarrija kellha tkun sfilzata 'l ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidu nett ta' l-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel referenza ghal decizjonijiet moghtija ricentament (ara fost ohrajn Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali u Gianni Attard vs Avukat Generali) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti rrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullita ta' l-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hix korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabli illi seta' facilment ikun impressjonat jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi nterrogat mill-pulizija. F'dan il-kaz irrizulta illi l-appellant fiz-zmien ta' l-arrest tieghu kien persuna matura ta' 48 sena, kien jaf, fehem sew x'kienu qeghdin jghidu l-pulizija u li kellu d-dritt illi jzomm sieket. Dana ma ghamlux u minflok iddecieda li jaghti l-verzjoni tieghu f'din l-istess stqarrija. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi din il-verzjoni abbinata ma' provi ohra li rrizultaw f'dan il-process iwasslu lil din il-Qorti ghal konviciment morali illi ma hemm xejn hazin fl-istqarrija illi ghamel l-appellant lill-pulizija u dina ghandha tigi kkunsidrata fl-ambitu tal-provi kollha mressqa mill-prosekuzzjoni."*

Issa f'dan il-kaz, jirrizulta illi meta ttiehdet l-istqarrija tieghu, l-imputat ma kienx minuri, jew kien ghadu kif lahaq l-eta` maggoritarja, izda kellu 22 sena.[3] In oltre mill-fedina penali tieghu, jirrizulta illi l-imputat diga` kien instab hati ta' reati ohrajn f'okkazzjoni precedenti u ghalhekk din ma kinitx l-ewwel esperjenza tieghu ta' ambjent ta' interrogatorju. Anzi jirrizulta mill-fedina penali tieghu fiz-zmien tar-reati odjerni illi l-imputat kien instab hati *inter alia* ta' falsifikazzjoni u uzu ta' dokumenti foloz u kien diga` ghadda minn process gudizzjarju. Minn harsa lejn l-istqarrija rilaxxjata minnu, jirrizulta illi qabel l-interrogatorju tieghu l-imputat gie mgharraf bid-dritt tieghu li jibqa' sieket u ma jwegibx, u skond il-ligi vigenti dak iz-zmien, din l-ghazla seta' jaghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn. Jirrizulta wkoll illi huwa ffirma l-istqarrija

[3] Jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tal-imputat anness a fol. 3 tal-process illi l-imputat twieled fis-17 ta' Gunju 1985, fil-waqt illi l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu ghall-1 ta' Jannar 2008.

rilaxxjata minnu flimkien mad-dikjarazzjoni illi l-istqarrija ghamilha volontarjament, minghajr theddid, biza', weghdiet jew twebbil ta' xi vantaggi u wara li kien qara l-istess stqarrija u fl-ebda stadju ma saret xi allegazzjoni u wisq inqas jirrizulta mill-atti illi huwa gie b'xi mod mgieghel jew li tqieghed taht pressjoni waqt li kien qed jirrilaxxja l-istqarrija tieghu. Veru wkoll illi fl-istess stqarrija l-imputat jghid illi fil-lejl in kwistjoni huwa kien xorob xi erba' tazzi vodka, izda l-istqarrija ttiehdet l-ghada fil-5.15 p.m. u ghalhekk ma jistax jinghad illi l-imputat kien taht l-effett tal-alkohol meta rrilaxxja din l-istqarrija.

Imbaghad, il-Qorti tqis ukoll illi l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat m'hijiex l-uniku prova li ressqet il-prosekuzzjoni f'dan il-kaz. Fil-pussess tal-imputat fil-jum in kwistjoni, fil-fatt instabu, apparti borza bi trab suspettat kokaina, ben tnax-il pillola suspettati *ecstasy.* Ghalkemm dawn is-sustanzi baqghu ma gewx esebiti f'dawn il-proceduri u wisq anqas analizzati minn espert forensiku, biss kif inghad izjed 'il fuq, fis-seduta tat-2 ta' April 2012, l-imputat irregistra ammissjoni dwar l-imputazzjonijiet tal-pussess semplici tal-pilloli *ecstasy* u tal-kokaina u dan b'referenza – skond l-istess imputazzjonijiet li dwarhom irregistra ammissjoni – ghal-lejl in kwistjoni u x-xhur precedenti. Ghalhekk l-imputat ammetta li s-sustanzi misjuba fil-pussess tieghu fil-lejl in kwistjoni kienu proprju pilloli *ecstasy* u kokaina. Hawn m'huwiex il-kaz ta' persuna li nstabet fil-pussess ta' pillola jew tnejn ossia ammont li normalment wiehed jabbina mal-uzu esklussiv tal-pussessur, izda ta' ammont ta' pilloli li jmur oltre dan – ammont ghalhekk li fih inniffsu wkoll jipprovdi korroborazzjoni ghall-verzjoni moghtija mill-imputat fl-istqarrija tieghu. Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti jidhrilha illi l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat abbinata ma' provi ohrajn li jirrizultaw mill-atti, hija ammissibbli u din ser tigi kkunsidrata fl-ambitu tal-provi kollha li gew imressqa quddiemha.

Illi fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi ghalkemm fil-lejl in kwistjoni, huwa nstab fil-pussess ta' tnax-il pillola *ecstasy*, huwa kellu ghoxrin pillola originarjament. Huwa kien biegh hames pilloli fl-4.00 p.m. gewwa l-Hamrun u biegh tlieta ohra gewwa l-*Lines* x'hin wasal. Kien qed izomm disa' pilloli ghal terza persuna li diga` kien hallsu taghhom u t-tlett pilloli l-ohra, kien ser

izommhom ghalih. Huwa qal illi kien ihallas Lm3 ghal kull pillola u kien ibieghhom Lm5 il-wahda u li kien ilu jbiegh l-*ecstasy* madwar xahrejn. Kien biegh il-kokaina darbtejn, kien jixtriha Lm25 il-gramma u jbieghha Lm30 il-gramma. L-ahhar li biegh il-kokaina kien fl-1 ta' Dicembru 2007 u kien ilu jbieghha madwar xahrejn. In oltre, kif inghad, fil-pussess tal-imputat fil-lejl in kwistjoni, instabu tnax-il pillola u borza bi trab suspettat kokaina li, fuq ammissjoni tieghu, kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu, kif ukoll f'dawn il-proceduri, kienu fil-fatt pilloli *ecstasy* u droga kokaina.

Ghaldaqstant, jirrizulta car illi fid-dati indikati fl-imputazzjonijiet odjerni, l-imputat biegh kemm pilloli *ecstasy*, kif ukoll id-droga kokaina u ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ppruvat sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi l-imputazzjonijiet (a) u (c) migjuba fil-konfront tieghu.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (e), il-Prosekuzzjoni baqghet ma esebietx is-sentenza mertu ta' din l-imputazzjoni u ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi din ma gietx sodisfacentement ippruvata.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti tqis fl-ewwel lok illi minkejja illi l-imputat ma rregistrax ammissjoni dwar l-imputazzjonijiet kollha f'dawn il-proceduri, huwa kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha. Tqis ukoll il-fedina penali tieghu, kemm fiz-zmien tar-reati odjerni, kif ukoll dik aggornata, liema fedina penali baqghet l-istess mis-sena 2009 'il quddiem.

In oltre, il-Qorti tqis illi fil-jum in kwistjoni, l-imputat kien biegh tminn pilloli *ecstasy* u kien diga` ftiehem biex ibiegh disa' pilloli ohrajn, li taghhom kien ukoll rcieva l-hlas – b'kollox ghalhekk sbatax-il pillola u li kien ilu jbiegh l-

*ecstasy* ghal madwar xahrejn, apparti li fl-istess perjodu, biegh ukoll id-droga kokaina.

Biss mill-banda l-ohra, il-Qorti tqis ukoll ir-rapport tal-Ufficjal tal-*Probation* fir-rigward tal-imputat[4], mil-liema rapport jirrizulta illi dan l-agir tal-imputat sehh fuq perjodu qasir ta' zmien u illi hekk kif inqabad mill-pulizija in konnessjoni ma' dan il-kaz, huwa fittex l-ghajnuna mill-Agenzija Sedqa sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga. Il-kampjuni tal-urina li ttehdulu kienu nodfa minn sustanzi llegali. In oltre l-imputat baqa' jzomm l-istess impjieg, ilu mpjegat *full-time* minn meta kellu sittax-il sena u jidher li huwa guvni biezel. Fid-dawl tal-progress notevoli tal-imputat fir-rijabilitazzjoni tieghu u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-Ufficjal tal-*Probation* irrakkomandat illi l-imputat jinghata piena karcerarja fil-minimu taghha.

Wara li tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti taqbel ma' din ir-rakkomandazzjoni tal-Ufficjal tal-*Probation* u zzid illi hija sfortuna, li f'dawn ic-cirkostanzi, fir-rigward ta' persuna li tkun qabdet it-triq hazina ghal zmien ferm qasir u li minn dakinhar tkun tghallmet mill-izbalji taghha u rriformat hajjitha kompletament, bhal ma hu l-kaz tal-imputat odjern, il-Qorti hija marbuta li timponi piena karcerarja effettiva. Ghaldaqstant, in kwantu jirrigwarda l-piena ta' prigunerija effettiva, qeghda tapplika l-minimu tal-piena tassattiva.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 u qeghda tqis ir-reat ikkontemplat fl-imputazzjoni (b) bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi mwettaq ir-reat fl-imputazzjoni (a) u r-reat fl-imputazzjoni (d) bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi mwettaq ir-reat fl-imputazzjoni (c). In oltre qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) u (b) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a) u (c) u ai termini ta' dan l-ahhar sub-paragrafu (b), qeghda zzid mal-piena minima ghall-imputazzjoni (a), terz tal-piena applikabbli ghall-imputazzjoni (c). Ghalhekk qeghda timponi piena

[4] Esebit a fol. 16 tal-process.

karcerarja effettiva ta’ sitt xhur dwar l-imputazzjoni (a) u piena karcerarja effettiva ta’ xahrejn dwar l-imputazzjoni (c) (terz tal-piena ta’ sitt xhur).

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 31 u r-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(b), (f) u (h) tal-Kap. 9, qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni (e) migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnha, fil-waqt li ssibu hati tal-imputazzjonijiet (a), (b), (c) u (d) u tikkundannah ghal **piena ta’ tminn (8) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta’ disa’ mitt Euro (€900)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda tigi erogata b’din is-sentenza. Ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jivverifika din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. Izda jekk il-hati jonqos illi jhallas pagament wiehed fiz-zmien lilu preskritt, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnu dovut.

Stante illi ma gewx mahtura esperti f’dawn il-proceduri, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------